MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2010

Numru 348/2008

**Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs**

**Alan Cutajar**
**omissis**
**omissis**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Alan Cutajar ta' 31 sena, iben Charles u Wynne' nee' Winnie, imwieled Pieta' nhar it-28 ta' Jannar 1977 u residenti Block 10, Flat 16, Triq il-Gilju, San Gwann u detentur tal-karta tal-identita' numru 125977(M) gie imressaq quddiemha akkuzat talli:

(a) F’San Gwann f’ xi hin bejn it-tlieta nieqes kwart u tlieta u nofs ta’ wara nofsinhar tal-Hadd 20 ta’ April 2008, ikkommetta serq ta’ flus minn gewwa l-hanut Spotless li jinsab f’ Triq Giorgio Preca, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaqbez l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2329.37€) u bil-mezz ghad-dannu ta’ Philip Forace.

(b) Alan Cutajar wahdu li fl-istess data, lok u cirkostanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe l-hgiega tal-vittrina u l-isticker tar-reklam li kien hemm fuqha u li jinsabu fil-faccata tal-hanut Spotless li jinsabu fi Triq Giorgio Preca, liema hsara tammonta ghall-valur ta’ tmien mija u tlettax-il ewro u tnejn u tletin centezmu (813.32€) u dan ghad-dannu ta’ Philip Forace.

(c) Lil omissis u omissis u Alan Cutajar talli rrendew ruhhom recidivi ai terminu tal-Artikoli 49, 50 u 289(1) ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, billi huma kienu gew misjuba hatja b’ sentenzi tal-Qorti ta’ Malta li saru definittivi u ghaldaqstant ma jistghux jinbidlu.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 1 ta’ Ottubru 2008 (esebita a fol. 217 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 261(b)(c), 263, 267, 278, 279 tal-Kodici Kriminali ;
(b) fl-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali ;
(c) fl-artikoli 49, 50, 289, 533 tal-Kodici Kriminali ;

Rat li waqt l-udjenza tas-27 ta’ Frar 2009, l-imputat Alan Cutajar iddikjara li m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat l-ammissjoni tal-imputat Alan Cutajar ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu hekk kif registrata fl-udjenza tat-8 ta’ Mejju 2009.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Rat il-Pre-sentencing Report imhejji mill-Probation Officer Antonella Spagnol fil-konfronti tal-imputat Alan Cutajar liema rapport jinsab inserit a fol. 224 et sequitur tal-process u semghat ix-xhieda tal-istess Probation Officer fl-udjenza tat-2 ta’ Lulju 2009.

Semghat it-trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat Alan Cutajar, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat bir-reqqa l-kontenut tal-Pre-Sentencing report imhejji mill-Probation Officer Antonella Spagnol fejn wara li din spjegat li l-imputat kien ilu jabbuza mid-droga ghal perijodu ta’ madawar tnax-il sena qalet ukoll li waqt li huwa kien qed jinzamm taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz l-imputat wera x-xewqa li jipprova jeghleb il-problema tal-abbuz mid-droga u saru arrangjamenti sabiex fil-15 ta’ April 2009 l-imputat beda’ programm residenzjali kontra l-abbuz mid-droga fil-Komunita’ ta’ Santa Marija. In vista tal-progress li l-imputat qed jaghmel fi hdan dan il-programm il-Probation Officer irrakomandat li l-istess imputat jitqieghed taht Ordni ta’ Probation fil-massimu taghha. Il-Qorti, wara li kkonstatat li effettivament l-imputat fl-ahhar jidher li fehem li ma jistghax ikompli fit-triq il-hazina li kien qabad u jidher li qed jaghmel l-ghalmu tieghu sabiex jindirizza l-problema li kisritlu hajtu, jidrilha li ghandha taccetta r-rakkomandazzjoni maghmulha mill-Probation Officer fil-Pre-sentencing report.  Irid jigi rilevat ukoll li mill-provi rrizulta li l-imputat ikkopera mal-Pulizija fil-kors tal-

investigazzjonijiet u rrizulta wkoll li r-res furtiva giet ritornata lura lill-vittma.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-1 ta’ Ottubru 2008 u senjatament l-Artikoli 261(b)(c), 263, 267, 278, 279, 325,49, 50, 289 u 533 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti issib lill-imputat Alan Cutajar hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda taghmel Ordni ta’ P*robation* li permezz tieghu tqieghed lill-hati Alan Cutajar taht is-sorveljanza ta’ l-ufficjal tal-*probation* illi ghandu jigi assenjat skond il-ligi u dan ghall-perijodu ta’ tlett (3) snin millum u taht is-segwenti kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perijodu ta’ probation ta’ tlett (3) snin Alan Cutajar ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.
2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta’ Alan Cutajar kull sitt (6) xhur bil-miktub.
3. Alan Cutajar ghandu javza mmedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b’kull bdil li talvolta taghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.
4. Alan Cutajar ghandu jiffinalizza u jittermina b’success il-programm ta’ rijabilitazzjoni mid-droga li huwa diga’ beda’ fil-Komunita ta’ Santa Marija fil-15 ta’ April 2009.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lil hati bi kliem car l-effett ta’ din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tinnotifika minnufih kopja ta’ din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
(bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)

**ORDNI TA' PROBATION**
*(MAGHMUL SKOND L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIGIJIET TA' MALTA)*

**Magistrat: DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum: 8 ta' Jannar, 2010**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs**

**Alan Cutajar**
**Omissis**
**Omissis**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi, Alan Cutajar gie misjub hati kif imfisser fl-istess sentenza u gie mpoggi taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' *Probation*;

Wara li fissret lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' *Probation* (inkluzi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skond l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446) u illi jekk jonqos li jhares din l-Ordni jew jaghmel xi reat

iehor matul il-perjodu ta’ tliet (3) snin, ikun jista jigi kkundannat ghar-reat li ghalih qieghed tigi maghmula din l-Ordni, u illi l-hati wera li jrid ihares il-kondizzjonijiet ta’ din l-Ordni ta’ *Probation*;

Ghalhekk **tordna** li l-hati Alan Cutajar li joqghod, Block 10, Flat 16, Triq il-Gilju, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita’ numru 125977(M) ikun ghal perjodu ta’ tliet (3) snin millum taht is-sorveljanza ta’ Ufficjal ta’ Probation taht dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perijodu ta’ probation ta’ tlett (3) snin Alan Cutajar ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.
2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta’ Alan Cutajar kull sitt (6) xhur bil-miktub.
3. Alan Cutajar ghandu javza mmedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b’kull bdil li talvolta taghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.
4. Alan Cutajar ghandu jiffinalizza u jittermina b’success il-programm ta’ rijabilitazzjoni mid-droga li huwa diga’ beda’ fil-Komunita ta’ Santa Marija fil-15 ta’ April 2009.

**Alan Cutajar**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------